MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta tat-22 ta' April, 2015

Appell Kriminali Numru. 210/2013

**Il-Pulizija**

**v.**

**Gilbert Grech**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Gilbert Grech, detentur tal-karta ta' l-identita` numru 174986(M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gżejjer, u cioe` ġo barriera fl-area magħrufa bħala "Tal-Palma", limiti ta' l-Imġarr, Malta, nhar-is 26 ta' Diċembru 2012 għall-ħabta tan-12.30 hrs, ħebb kontra Maria Vella sabiex jinġurja, idejjaq u/jew jagħmel il-ħsara lil din il-Persuna jew lil ħaddieħor.

Il-Qorti ġiet mitluba li jekk jidhrilha xieraq, biex tipprovdi għas-sigurta` ta' Maria Vella jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piebna applikabbli għar-reat, torbot lill-imsemmi Gilbert Grech

b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma flus li tiġi ffissata mill-Qorti;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fit-30 ta' April 2013 fejn dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 339(1)(d) u 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-istess Gilbert Grech ħati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu u kkundannatu ġimgħa ħabs [*recte:* detenzjoni] u, ai termini ta' l-artikolu 383(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, poġġietu taħt garanzija personali għal sena u penali ta' ħames mitt euro (€500) fin-nuqqas;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Gilbert Grech ippreżentat fit-13 ta' Mejju 2013 fejn talab li din il-Qorti tilliberah minn kull imputazzjoni u ħtija jew f'każ li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata in rigward ir-reita`, tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tinfliġġi piena aktar ġusta u ekwa għall-każ odjern;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma (1) li l-ewwel Qorti m'għamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti u (2) mingħajr preġudizzju għall-ewwel aggravju, li l-piena hi esaġerata.

**6.** Fis-seduta tallum, il-*parte civile* Maria Vella ddikjarat li kienet qed tirrinunzja għall-azzjoni kriminali kontra l-appellant. F'tali ċirkostanzi, u wara illi din il-Qorti rat l-artikolu 545(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, m'hemmx lok illi jiġu kkunsidrati l-aggravji ta' l-appellant.

**7.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirrevoka s-sentenza appellata fl-intier tagħha, tiddikjara l-proċediment eżawrit u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-każ.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------